MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 3246/1996/1

**Victor Fenech personalment, u l-istess Victor Fenech flimkien ma' martu Carmen Fenech bħala kuraturi għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri binhom Jeffrey Fenech; u b'dikriet ta' l-14 ta' Frar 2003, *stante* li Jeffrey Fenech sar maġġorenni, assuma l-atti tal-kawża f'ismu stess minflok il-kuraturi**

***Versus***

**Avukat Dottor John Mizzi u l-Prokuratur Legali Rowena Grima kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Liam Bernard Mooney, nominati b'dikriet ta' dina l-onorabbli qorti tad-29 ta' Settembru 1993; u b'nota tat-18 ta' Marzu 2003 l-Avukat Philip Manduca assuma l-atti bħala kuratur f'isem Liam Bernard Mooney**

Din il-kawża hija dwar inċident li seħħ fuq il-baħar meta ħabtu żewġ biċċiet tal-baħar u korrew l-atturi u saret ħsara fl-i*speedboat* li kienu fiha. L-atturi qegħdin jitolbu illi l-

qorti, wara li tgħid illi l-konvenut waħdu jaħti għall-inċident, tillikwida d-danni li ġarrbu u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati u l-ispejjeż tal-kawża.

B’sentenza mogħtija fit-8 ta’ Frar 2005, il-qorti qalet illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut, li għalhekk għandu jagħmel tajjeb għad-danni. Din is-sentenza tallum hija dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

L-atturi qegħdin jitolbu danni talli korrew u ġarrbu debilità permanenti u qegħdin jitolbu wkoll danni għall-ħsara li saret lill-i*speedboat*.

Inqisu l-ewwel id-danni minħabba leżjonijiet personali, u nibdew bid-danni ta’ l-attur Victor Fenech.

L-espert mediku maħtur mill-qorti irrelata illi Victor Fenech għandu debilità li ma jfieqx minnha ta’ wieħed fil-mija (1%) minħabba fil-ġrieħi li ġarrab fl-inċident meta weġġa’ driegħu.

Victor Fenech kellu sitta u tletin (36) sena meta korra, u għalhekk *multiplier* ta’ għoxrin sena jkun wieħed xieraq. Id-dħul tiegħu kien ta’ ħamest elef lira (Lm5,000) fis-sena u għalhekk, wara li qieset it-tul tal-*multiplier* u illi x’aktarx illi d-dħul jiżdied fil-ġejjieni, il-qorti sejra taħdem fuq dħul medju ta’ sitt elef u ħames mitt lira (Lm6,500) fis-sena. *Lucrum cessans* għalhekk jiġi elf u tliet mitt lira (Lm1,300)[1]. Billi l-inċident ilu li seħħ mill-1991, ma hux il-każ li jsir tnaqqis talli l-attur sejjer jieħu minn issa dħul tal-ġejjieni.

Ngħaddu issa biex inqisu d-danni li ġarrab l-attur Geoffrey Fenech.

Geoffrey Fenech kellu ksur fi snienu u l-espert maħtur mill-qorti sab illi minħabba f’hekk ġarrab debilità ta’ sebgħa fil-mija (7%).

Il-konvenut, fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu tas-17 ta’ Ġunju 2003, qal illi ċ-ċifra ta’ sebgħa fil-mija (7%) hija relativa għad-debilità tas-snien u mhux tal-persuna b’mod ġenerali. Għalkemm l-espert ma jagħmilx din id-distinzjoni u lill-konvenut ma deherlux illi kellu jitlob il-ħatra ta’ periti addizzjonali jew illi jagħmel eskussjoni ta’ l-espert biex ifisser kif wasal għaċ-ċifra, il-qorti hija tal-fehma illi, meta tqis in-natura tal-ġrieħi li ġarrab Geoffrey Fenech, l-osservazzjoni tal-konvenut hija waħda valida, u għalekk

[1] Lm6,500 × 20 × 1% = Lm1,300.

sejra timxi fuq ċifra ta’ tlieta fil-mija (3%) ta’ debilità tal-persuna.

Geoffrey Fenech kien għadu minorenni meta korra, u għalhekk *multiplier* ta’ tmienja u tletin (38) sena jkun wieħed xieraq. Id-dħul tiegħu meta beda jaħdem kien ta’ tlitt elef disa’ mija u tnejn u ħamsin lira (Lm3,952) fis-sena u għalhekk, wara li qieset it-tul tal-*multiplier* u illi x’aktarx illi d-dħul jiżdied fil-ġejjieni, il-qorti sejra taħdem fuq dħul medju ta’ sebat elef u ħames mitt lira (Lm7,500) fis-sena. *Lucrum cessans* għalhekk jiġi tmint elef, ħames mija u ħamsin lira (Lm8,550)[2]. Billi l-inċident ilu li seħħ mill-1991, ma hux il-każ li jsir tnaqqis talli l-attur sejjer jieħu minn issa dħul tal-ġejjieni.

Ngħaddu issa biex inqisu d-danni minħabba l-ħsara fl-i*speedboat*.

Victor Fenech xehed[3] illi għalkemm kien xtara l-i*speedboat* meta seħħ l-inċident, it-trasferiment ta’ proprjetà ma kienx reġistrat. Fil-fatt baqa’ qatt ma ġie reġistrat, ukoll meta Fenech reġa’ bigħha lil terzi.

Dan ifisser illi Fenech qatt ma kien sid *erga omnes*; kien sid biss quddiem min bigħlu.

Il-konvenut għalhekk ressaq l-eċċezzjoni illi l-attur ma jistax jitlob danni dwar l-i*speedboat* għax qatt ma kien sid tagħha.

Il-qorti hija tal-fehma illi din l-eċċezzjoni hija tajba, u għalhekk qiegħda tilqagħha. L-attur ma għandux *ius in re* fuq id-dgħajsa u l-azzjoni għad-danni tmiss mhux lilu iżda lil sidha. Ma nġiebet ebda prova illi saret ċessjoni tad-dritt ta’ azzjoni mis-sid lill-attur.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta’ din il-kawża:

1. tillikwida d-danni li ġarrab l-attur Victor Fenech fis-somma ta’ elf u tliet mitt lira (Lm1,300) u tikkundanna lill-konvenut iħallas elf u tliet mitt lira (Lm1,300) lil Victor Fenech;

2. tillikwida d-danni li ġarrab l-attur Geoffrey Fenech fis-somma ta’ tmint elef, ħames mija u ħamsin lira (Lm8,550) u tikkundanna lill-konvenut iħallas tmint elef, ħames mija u ħamsin lira (Lm8,550) lil Geoffrey Fenech;

3. tiċħad it-talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minħabba ħsara fl-i*speedboat*; u

---

2 Lm7,500 × 38 × 3% = Lm8,550.

3 *Fol*. 109.

4. tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha ta' l-attur Geoffrey Fenech; l-ispejjeż l-oħra jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsu Victor Fenech u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------